

Brussell, 25 ta' April 2025
(OR. en)

8287/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0089(NLE)**

**ACP 24
WTO 32
RELEX 483
COAFR 80
FDI 5**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' April 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 169 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment stabbilit mill-Ftehim għall- Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r- Repubblika tal-Angola fir-rigward tal-adozzjoni prevista tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 169 final.

Mehmuż: COM(2025) 169 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.4.2025
COM(2025) 169 final

2025/0089 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment stabbilit mill-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola fir-rigward tal-adozzjoni prevista tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment ("il-Kumitat") stabbilit mill-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola, b'rabta mal-adozzjoni prevista tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli

Il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli ("il-Ftehim") għandu l-għan li jrawwem klima ta' investment aktar trasparenti, effiċjenti u prevedibbli fl-Angola, u b'hekk itejjeb il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm investimenti diretti barranin. B'dan il-mod, l-għan tal-Ftehim huwa li jappoġġa t-tkabbir ekonomiku, id-diversifikazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli tal-Angola. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2024.

2.2. Il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment

Il-Kumitat huwa stabbilit permezz tal-Artikolu 43(1) tal-Ftehim biex "jiżgura li [il-] Ftehim jopera kif suppost u b'mod effettiv." Il-Kumitat jinkludi rappreżentanti taż-żewġ Partijiet.

Il-funzjonijiet tal-Kumitat huma elenkati fl-Artikolu 44 tal-Ftehim u jinkludu, inter alia, is-superviżjoni u l-iffaċilitar tal-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Skont l-Artikolu 45 tal-Ftehim, il-Kumitat għandu jkollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fejn previst fil-Ftehim, li għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet. Il-Kumitat jista' wkoll jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha koperti mill-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu b'konsensus.

2.3. L-att previsti tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment

Skont l-Artikolu 44(2) tal-Ftehim, "il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment għandu jadotta fl-ewwel laqgħa tiegħu r-regoli tiegħu stess." Fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat fil-21 ta' Jannar 2025, il-Partijiet qablu li jniedu l-proċeduri interni rispettivi tagħhom biex jadottaw deċiżjoni tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li jistabbilixxi r-regoli dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment.

L-att previst għandu jkun vinkolanti fuq il-Partijiet skont l-Artikolu 45(1) tal-Ftehim, li jipprevedi li deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat "għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet." Skont l-Artikolu 2 tal-att previst, "[id-] Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha."

3. IL-POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni proposta li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni għandha tkun li tappoġġa l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment. Din il-pożizzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment meħmuż mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta li tistabbilixxi l-pożizzjoni li

għandha tittieħed f'isem l-Unjoni. Dawn ir-Regoli ta' Proċedura huma meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu *“il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi atti li għandhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”*¹.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola.

L-att, li l-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 45(1) tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissegjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew il-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw il-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-Deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

¹ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment stabbilit mill-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola fir-rigward tal-adozzjoni prevista tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/829² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2024.
- (2) Skont l-Artikolu 45(1) tal-Ftehim, il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment għandu jkollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fejn previst fil-Ftehim.
- (3) L-Artikolu 44(2) tal-Ftehim jirrikjedi l-Kumitat li jadotta fl-ewwel laqgħa tiegħu r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment, peress li d-deċiżjoni prevista tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni jenħtieġ li tkun li tappoġġa l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment, peress li dawn ir-Regoli ta' Proċedura huma meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment għandha tkun ibbażata fuq it-test tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.
2. Korrezzjonijiet tekniċi minuri għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment jistgħu jiġu miftiehma mir-rappreżentanti tal-Unjoni

² ĠU L, 2024/829, 8.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/829/oj>.

fil-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President